# RIŻORSA 2

**Il-Prezz Uman tal-Fortizza Ewropa**
**Abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tal-migranti u r-rifuġjati fil-fruntieri tal-Ewropa**
**Amnesty International**

Kull sena eluf ta' migranti u rifuġjati jipprovaw jilħqu l-Ewropa. Uħud ikunu xprunati mill-ħtieġa li jaħarbu minn faqar tal-għaġeb; oħrajn ikunu qed ifittxu rifuġju mill-vjolenza u l-persekuzzjoni. Il-vjaġġ tagħhom mimli perikoli. Hu stmat li, mill-2000 'l hawn, tilfu ħajjithom mill-inqas 23 000 persuna huma u jipprovaw jaslu l-Ewropa[1]. Dawk li jirnexxielhom jaslu fil-fruntieri tal-Unjoni Ewropea (UE) jindunaw li s-sikurezza għadhom ma sabuhiex.

L-UE u l-Istati Membri tagħha bnew fortizza dejjem aktar impenetrabbli biex iżommu lill-migranti irregolari barra — irrispettivament mill-motivazzjonijiet tagħhom u indipendentement mill-miżuri iddisprati li ħafna minnhom lesti jieħdu biex jilħqu xtuthom. Sabiex "tiddefendi" l-fruntieri tagħha, l-UE ffinanzjat sistemi ta' sorveljanza sofistikati, tat appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri li jinsabu fil-fruntieri esterni tagħha (eż. il-Bulgarija u l-Greċja) sabiex jiffortifikaw il-fruntieri tagħhom, u ħolqot aġenzija biex tikkoordina tim Ewropew ta' gwardji tal-fruntieri biex jgħassu l-fruntieri tal-UE.

L-Istati Membri nfushom individwalment qed jieħdu miżuri drastiċi biex iwaqqfu lil min jasal irregolarment. Il-migranti u r-rifuġjati qed jitkeċċew illegalment mill-Bulgarija, il-Greċja u Spanja, mingħajr aċċess għal proċeduri ta' asil u ta' spiss b'modi li jqiegħduhom f'riskju gravi. Jiġu trattati ħażin mill-gwardji tal-fruntieri u l-għassiesa tal-kosta. Barra minn hekk, xi Stati Membri qed jużaw it-theddida ta' detenzjoni twila bħala deterrent għal min ikun qed jaħseb li jiġi l-Ewropa[2].

> Rifuġjat huwa xi ħadd li jaħrab minn pajjiżu għax ikollu biża' ġġustifikata sew ta' persekuzzjoni u li l-gvern tiegħu ma jistax jew ma jridx jipproteġih. Il-**proċeduri ta' asil** huma mfasslin biex jistabbilixxu jekk xi ħadd jissodisfax id-definizzjoni legali ta' rifuġjat. Meta pajjiż jirrikonoxxi l-istatus ta' rifuġjat lil xi ħadd, ikun qed itih **protezzjoni internazzjonali** li tissostitwixxi l-protezzjoni tal-pajjiż ta' oriġini tiegħu.
>
> Persuna li tkun qed **tfittex asil** tkun ħalliet pajjiżha biex tfittex protezzjoni iżda li l-istatus tagħha ta' rifuġjat ikun għadu ma ġiex rikonoxxut. Waqt li talba għal asil tkun qed tiġi eżaminata, l-applikanti ma jistgħux jiġu mġiegħla jirritornaw fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

Il-miżuri li tuża l-UE ma jiqfux fil-fruntieri effettivi tagħha iżda jinfirxu estensivament ġol-pajjiżi ġirien. L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovaw joħolqu żona ta' lqugħ billi jidħlu f'arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien li jgħinuhom jimblokkaw il-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa. Iffinanzjaw ċentri ta' akkoljenza u ta' detenzjoni għall-migranti u r-rifuġjati f'pajjiżi fejn hemm tħassib serju dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' asil f'detenzjoni, bħat-Turkija u l-Ukrajna[3]. Implimentaw ftehimiet ta' riammissjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu li, permezz tagħhom, dawk li jirnexxielhom jaslu fl-Ewropa jkunu jistgħu jintbagħtu lura b'mod aktar faċli.

**Il-ħrejjef**

Xi wħud fl-UE u l-midja ppruvaw jiġġustifikaw politiki dejjem aktar ħarxa dwar il-migrazzjoni fuq il-bażi li l-Ewropa qed ikollha tlaħħaq ma' numru ta' rifuġjati u migranti akbar milli hu raġonevoli. Ta' spiss isir l-argument li l-biċċa l-kbira ta' dawk li jidħlu fl-Ewropa irregolarment huma migranti ekonomiċi.

**Il-fatti**

Il-biċċa l-kbira tar-rifuġjati fid-dinja ma jitilqux mir-reġjun ta' oriġini tagħhom . Fi tmiem l-2013, il-pajjiżi li kienu qed jospitaw l-ikbar numru ta' rifuġjati kienu: il-Pakistan, l-Iran, il-Libanu, il-Ġordan, it-Turkija, il-Kenja, iċ-Chad, l-Etjopja, iċ-Ċina u l-Istati Uniti[4].

Minn mindu bdiet il-kriżi fis-Sirja, aktar minn 2.8 miljun Sirjan ħarbu minn djarhom – aktar minn nofshom kienu tfal[5]. Sa tmiem April 2014, kienu biss 96 000 li waslu l-Ewropa biex isibu protezzjoni[6]. Fl-2013, 48% ta' kull min daħal irregolarment u 63% ta' dawk li waslu irregolarment bil-baħar kienu ġejjin mis-Sirja, l-Eritrea, l-Afganistan u s-Somalja, pajjiżi mifnija bil-ġlied u b'abbużi mifruxin tad-drittijiet tal-bniedem[7]. Hu ċar li l-maġġoranza ta' dawk li qed jaħarbu minn dawn il-pajjiżi qed jaħarbu minn vjolenza jew persekuzzjoni ġeneralizzati, u huma *prima facie* fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

Dawn il-miżuri, li l-effikaċja tagħhom biex iwaqqfu l-migrazzjoni irregolari lejn l-Ewropa hi l-aktar l-aktar diskutibbli, qed jikkawżaw tbatija umana u telf ta' ħajja umana[8]. Hekk kif ir-rotot l-aktar siguri fl-UE qed jingħalqu bi ċnut, aktar sorveljanza u l-iskjerament ta' dejjem aktar forzi tas-sigurtà, in-nies qed jiġu mġiegħla jieħdu rotot dejjem iktar perikolużi, ġieli b'konsegwenzi traġiċi. In-nisa, l-irġiel u t-tfal qed jegħrqu fil-baħar jew jifgaw fi trakkijiet. Qed jaffaċċjaw il-vjolenza fil-fruntieri tal-UE u qed jiġu mċaħħda mid-dritt tagħhom li jfittxu asil. Dawk li qed jipprovaw jidħlu fl-UE jispiċċaw maqbudin f'pajjiżi bħal-Libja, il-Marokk, l-Ukrajna jew it-Turkija, fejn id-drittijiet tagħhom ikunu fil-periklu. F'dawn il-pajjiżi jistgħu jbatu l-miżerja, mingħajr aċċess għad-drittijiet soċjali u ekonomiċi, jew jaffaċċjaw vjolenza u saħansitra tortura[9].

Dan ir-rapport jirreferi għal dawn il-politiki u l-prattiki, ġewwa l-fruntieri tal-UE, fihom u barra minnhom, li huma meqjusa kollha f'daqqa, bħala l-"Fortizza Ewropa".

Ir-rapport sħiħ: The Human Cost of Fortress Europe (aċċessat fis-7 ta' Mejju 2015)

[1] L-istima ġiet ikkalkolata permezz ta' data miġbura minn ġurnalisti bħala parti mill-proġett "The Migrants Files" disponibbli hawn: http://www.journalismfund.eu/migrants-files (aċċessat fis-7 ta' Mejju 2015)

[2] Pereżempju, użu fit-tul u indiskriminat ta' detenzjoni f'kundizzjonijiet degradanti hu sies ewlieni tal-politika tal-Greċja għall-kontroll tal-migrazzjoni. Għal aktar tagħrif dwar id-detenzjoni tal-migranti u l-persuni li jkunu qed ifittxu asil fil-Greċja, ara l-pubblikazzjoni ta' Amnesty International, "Frontier Europe: Human rights abuses on Greece's border with Turkey" (Lulju 2013). Nhar l-20 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Legali tal-Istat Grieg ippubblika opinjoni li tippermetti detenzjoni indefinita tal-migranti (Opinjoni 44/2014). Skont din l-opinjoni, li sussegwentement ġiet adottata mill-Ministru tal-Ordni Pubbliku u l-Protezzjoni taċ-Ċittadin permezz ta' deċiżjoni ministerjali, jekk detenut ma jkunx jista' jiġi rritornat minħabba li jirrifjuta li jikkoopera mal-

awtoritajiet Griegi fi żmien tmintax-il xahar (il-perjodu massimu permess taħt il-liġi tal-UE għal detenzjoni għal finijiet ta' tneħħija), mela d-detenzjoni tiegħu tista' tkompli għal aktar minn tmintax-il xahar. Dan huwa vjolazzjoni ċara tad-Direttiva Ewropea dwar ir-Ritorn (Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment) u jikser l-obbligi internazzjonali tal-Greċja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem[3].

Ara, pereżempju, il-pubblikazzjoni tas-Servizz għar-Rifuġjati tal-Ġiżwiti, "No Other Option: Testimonies from Asylum Seekers Living in the Ukraine" (Ġunju 2011); dik tal-ECRE, "Detention of Migrants in Ukraine" (Ottubru 2010); u l-iskeda tal-proġett għat-twaqqif taċ-ċentri ta' akkoljenza u tneħħija fit-Turkija disponibbli hawnhekk (aċċessata fl-20 ta' Ġunju 2014). Għal tagħrif dwar il-kundizzjonijiet fid-detenzjoni fit-Turkija, ara t-taqsima "Trapped in Transit." Għall-Ukrajna, ara l-pubblikazzjoni tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR), "Ukraine as a country of asylum: Observations on the situation of asylum-seekers and refugees in Ukraine", Lulju 2013.

[4] UNHCR, Global Trends 2013, 20 ta' Ġunju 2014.

[5] UNHCR Syria Regional Refugee Response, disponibbli hawnhekk (aċċessat fis-7 ta' Mejju 2015).

[6] Korrispondenza permezz ta' email mal-UNHCR (20 ta' Mejju 2014).

[7] Analiżi Annwali tar-Riskji 2014 - Frontex, 14 ta' Mejju 2014.

[8]Skont l-Analiżi Annwali tar-Riskji 2014 ta' Frontex, l-għadd ta' dawk li jaslu l-Ewropa irregolarment żdied bi kważi 50% fl-2013 meta mqabbel ma' dak tal-2012.

[9] Ara l-pubblikazzjonijiet ta' Amnesty International: "'If an African dies here, no one cares' – abuses of migrants and refugees in detention in Libya" (Diċembru 2013); "Scapegoats of Fear: Rights of Refugees, Asylum-Seekers and Migrants Abused in Libya" (Ġunju 2013); "Seeking Safety, Finding Fear: Refugees, Asylum Seekers and Migrants in Libya and Malta" (Diċembru 2010); "SOS Europe: Human Rights and Migration Control" (Ġunju 2012); "Frontier Europe: Human rights abuses on Greece's border with Turkey" (Lulju 2013); "An International Failure: the Syrian Refugee Crisis" (Diċembru 2013); "Refugees in Bulgaria trapped in substandard conditions" (Diċembru 2013). Ara wkoll: "Ukraine as a country of asylum. Observations on the situation of asylum-seekers and refugees in Ukraine" (Lulju 2013), u Raphi R. Rechitsky, "Refugee Migration to Ukraine and the Geopolitics Of Control At Europe's Eastern Borders", 1 ta' April 2013, Bullettin tal-organizzazzjoni Fahamu Refugee Legal Aid.